MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 2852/1997/1

**QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA**
**Imħallef**
**Onor. Giannino Caruana Demajo LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 4 ta’ Novembru 2003**
**Numru**

**Ċitazzjoni 2852/1997**

***The Cargo Handling Company Limited***
***versus***
***N.O.V.I.T.À. Construction Company Limited*; *Kalaxlokk Company Limited***

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas ta' *handling charges*.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi s-soċjetà attriċi għandha tieħu mingħand il-konvenuti, jew xi waħda minnhom, sebat elef mija u tliet liri u disgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm7,103.49) bilanċ ta' *handling charges* dwar konsenja ta' ħadid li kienet importata f'Malta fis-16 t'April 1996 fuq il-vapur *Barentzgracht* mill-konvenuta *N.O.V.I.T.À. Construction Company Limited*. Din il-konvenuta għall-ewwel aċċettat li tħallas din is-somma lill-attriċi, kif tixhed ittra ta' l-14 ta' Frar 1997, iżda wara biddlet fehemtha u b'ittra tas-27 ta' Marzu 1997 għarrfet lill-attriċi li kellha titħallas mingħand is-soċjetà konvenuta l-oħra *Kalaxlokk Company Limited*.

Billi għalxejn is-soċjetà attriċi sejħet lill-konvenuti biex iħallsu, jew biex tħallas xi waħda minnhom, fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti tikkundannahom, jew tikkundanna li xi waħda minnhom, iħallsu jew tħallas is-somma fuq imsemmija ta' sebat elef mija u tliet liri u disgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm7,103.49) flimkien ma' l-imgħax min-notifika ta' l-ittra uffiċjali ta' l-4 t'Awissu 1997, u l-ispejjeż, fosthom dawk ta' l-istess ittra uffiċjali.

Is-soċjetà konvenuta *N.O.V.I.T.À. Construction Company Limited* ġ*N.O.V.I.T.À*ħ ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

1. it-talba safejn magħmula kontra tagħha hija "infondata fil-fatt u fid-dritt" u għalhekk għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż; u
2. dak li qiegħda titlob is-soċjetà attriċi ma għandhiex tieħdu mingħand l-eċċipjenti.

Is-soċjetà konvenuta l-oħra, *Kalaxlokk Company Limited* ġ*Kalaxlokk*ħ, ressqet l-eċċezzjoni illi hi ma għandha ebda relazzjoni ġuridika ma' l-attriċi u għalhekk it-talbiet ta' l-attriċi safejn magħmula kontra tagħha għandhom jiġu miċħuda.

Ma hemmx kontestazzjoni illi s-soċjetà attriċi tat is-servizz illi għalih qiegħda titlob ħlas, u dwar kemm għandha tieħu; il-kontestazzjoni hija dwar min mis-soċjetajiet konvenuti għandu jħallas.

Il-fatti ġraw hekk:

F'Novembru ta' l-1994 kien sar ftehim[1] bejn, fost oħrajn, iż-żewġ soċjetajiet konvenuti u bis-saħħa ta' dan il-ftehim is-soċjetà *N.O.V.I.T.À.* ħadet in-negozju u t-tmexxija tas-soċjetà *Kalaxlokk*. Inqalgħet tilwima tax-xogħol ma' l-impjegati ta' *Kalaxlokk* u l-azzjoni industrijali laqtet bastiment li kien wassal konsenja tal-ħadid ordnata minn *N.O.V.I.T.À.* għall-proġett tal-*Freeport*.

Saru diskussjonijiet bejn rappreżentanti taż-żewġ konvenuti, mexxejja tal-*General Workers Union*, li kienet il-*union* tal-ħaddiema u li għandha wkoll interess fis-soċjetà attriċi, u ministri tal-gvern biex tintemm it-tilwima, u d-diskussjonijiet kienu wkoll dwar min kellu jħallas il-*handling charges* lill-attriċi biex inħatt il-bastiment.

Anglu Fenech, li dak iż-żmien kien segretarju ġenerali tal-*union*, xehed illi Nazzareno Vassallo, li kien *chairman* ta' *N.O.V.I.T.À.*, deherlu illi ma kienx xieraq li tħallas dawn iċ-*charges* is-soċjetà tiegħu; billi lix-xhud ma deherlux illi s-soċjetà attriċi kellha tirrinunzja għal dawn iċ-*charges*, u għalhekk ma kienx sejjer jintlaħaq ftehim, Ivan Falzon, li kien *chairman* ta' *Kalaxlokk*, offra, sabiex tinstab soluzzjoni, illi ċ-*charges* tħallashom is-soċjetà tiegħu, iżda, billi l-gvern kellu interess f'din is-soċjetà, qabel ma jintrabat kellu jikseb il-kunsens tal-Ministru tal-Finanzi. Ix-xhud, iżda, ma jafx jekk dan il-kunsens tal-ministru ngħatax[2].

Xehed ukoll l-Onorevoli Josef Bonnici, dak iż-żmien aġent ministru tal-finanzi, u dan, għalkemm qabel ma' dak li qal ix-xhud Anġlu Fenech, żied igħid illi l-ħlas li ntrabtet li tagħmel *Kalaxlokk*, dejjem jekk tikseb il-permess tal-ministru (mhux l-aġent ministru) tal-finanzi, kien biss miżura temporanja għax *N.O.V.I.T.À.* kellha problemi ta' *cash flow*; il-ħlas kellu jsir minn *Kalaxlokk* iżda din eventwalment kellha tiġbor il-flus mingħand *N.O.V.I.T.À* [3]. Dan ikkonfermah Ivan Falzon, *chairman* ta' *Kalaxlokk*[4].

Nazzareno Vassallo, *chairman* ta' *N.O.V.I.T.À.*, ma qabilx ma' din il-verżjoni u xehed illi l-ftehim kien illi s-soċjetà

---

1 *Foll*. 29 *et seqq.*

2 Ara x-xhieda ta' An[lu Fenech fis-seduta tat-30 ta' {unju 2000, *foll*. 62 *et seqq.*

3 Ara x-xhieda ta' l-Onor. Josef Bonnici fis-seduta tas-26 t'April 2001, ,*fol*. 80 u *fol*. 82.

4 Ara x-xhieda ta' Ivan Falzon fis-seduta tas-26 t'April 2001, *foll*. 89 *et seqq.*

tiegħu ma kellha tħallas xejn, la direttament lill-attriċi u lanqas eventwalment lil *Kalaxlokk*[5]. Ċaħad dak li qal l-Onorevoli Josef Bonnici illi din il-kwistjoni dwar ħlas qamet minħabba problemi ta' *cash flow* li kellha *N.O.V.I.T.À.*; qal illi l-punt kien illi *N.O.V.I.T.À.* ma kellhiex tħallas għax hi ma kinitx involuta fit-tilwima industrijali li ħolqot il-problema kollu, li kienet bejn *Kalaxlokk* u l-ħaddiema tagħha[6].

Dan iżda xejn ma jaqbel ma' dak li tgħid ittra mibgħuta mill-*managing director* ta' *N.O.V.I.T.À.*, Saviour Ellul, lill-attriċi fl-14 ta' Frar 1997[7]. Din l-ittra tgħid illi tassew illi *N.O.V.I.T.À.* għandha tagħti lill-attriċi somma li tinkludi dik li hija l-meritu tal-kawża tallum[8], iżda "*we are presently not in a position to settle the said amount immediately. However as agreed during our telephone conversation this morning we will settle the balance during the coming four months … … …*".

Huwa minnu illi f'ittra oħra mibgħuta ġimgħa wara, fil-21 ta' Frar 1997[9], din id-darba mill-Avukat Aldo Vella bħala segretarju tas-soċjetà, *N.O.V.I.T.À.* ħadet lura l-istqarrija dwar il-flus meritu tal-kawża tallum, u f'ittra oħra tas-27 ta' Marzu 1997[10], ukoll mill-Avukat Vella, kompliet tfisser illi l-ħlas kellu jsir minn *Kalaxlokk.*

Fil-fehma ta' din il-qorti ma hemmx dubju illi d-dejn, inizjalment, kien ta' *N.O.V.I.T.À.*, għax kienet din is-soċjetà illi importat il-merkanzija u s-servizz illi għalih qiegħda titlob ħlas is-soċjetà attriċi ngħata lilha bħala importatriċi. Dan is-servizz kien ikun meħtieġ f'kull każ, ukoll li kieku ma nqalgħetx it-tilwima industrijali.

Il-kwistjoni hija jekk *N.O.V.I.T.À.* nħelsitx minn dan id-dejn permezz ta' novazzjoni *ex parte debitoris* taħt l-art. 1179(*b*) tal-Kodiċi Ċivili:

**1179.** Hemm novazzjoni -

(*b*) meta debitur ġdid jiġi mqiegħed flok il-qadim, illi jiġi meħlus mill-kreditur;

---

5 Ara x-xhieda ta' Nazzareno Vassallo fis-seduta tal-21 ta' Frar 2002, *foll.* 106 *et seqq.*

6 *Ibid. foll.* 112 *et seq.*

7 *Fol.* 6.

8 Ara x-xhieda ta' Nazzareno Vassallo fis-seduta tal-21 ta' Frar 2002, *fol.* 115.

9 *Fol.* 15.

10 *Fol.* 7.

Relevanti wkoll huwa l-art. 1183 tal-Kodiċi Ċivili:

**1183.** Id-delegazzjoni li biha d-debitur jagħti lill-kreditur tiegħu debitur ieħor, illi jintrabat lejn dan il-kreditur, ma ġġibx novazzjoni, jekk il-kreditur ma jkunx iddikjara espressament il-volontà tiegħu li jeħles lid-debitur li jkun għamel id-delegazzjoni.

Huwa fuq id-debitur illi jallega li nħeles bin-novazzjoni l-oneru li juri illi tassew kien hemm l-istqarrija espressa tar-rieda tal-kreditur li jeħilsu mid-dejn, kif irid l-art. 1183. Il-qorti ma hix sodisfatta illi saret din il-prova, u hija tal-fehma illi l-atteġġjament ta' *N.O.V.I.T.À.* aktar huwa riżultat ta' interpretazzjoni "ottimista" ta' l-inizjattiva ta' Ivan Falzon biex isolvi l-i*stalemate* li fiha kienu waqgħu n-negozjati. Jekk tqis sew in-natura tad-dejn, iżda, li ma kienx xi konsegwenza tat-tilwima industrijali iżda kien dejn kummerċjali għal servizz li ngħatat *N.O.V.I.T.À.* mingħand is-soċjetà attriċi, u li dwaru ma kien ikun hemm ebda raġuni ta' kontestazzjoni li kieku ma nzertax li s-servizz ingħata fl-istess żmien tat-tilwima, tifhem illi, waqt li kien hemm raġuni għala *N.O.V.I.T.À.* tingħata aġevolazzjoni fiż-żmien tal-ħlas għax kellha x-xogħol tagħha wieqaf minħabba tilwima bejn terzi, ma kien hemm ebda raġuni għala ħaddieħor kellu jerfa' d-dejn għas-servezz li ngħatat hi.

Fil-fehma tal-qorti, għalhekk, l-eċċezzjonijiet ta' *N.O.V.I.T.À.* għandhom jiġu miċħuda, u t-talbiet tas-soċjetà attriċi kontra tagħha għandhom jintlaqgħu.

Fadal il-kwistjoni jekk *Kalaxlokk*, bla ma ħelset lil *N.O.V.I.T.À.* mid-dejn, intrabtitx, mhux flokha, iżda flimkien magħha bid-dejn. Jekk *Kalaxlokk* intrabtet flimkien ma' *N.O.V.I.T.À.* għal dejn ta' *N.O.V.I.T.À.*, kienet garanti skond l-art. 1925 tal-Kodiċi Ċivili:

**1925.** Il-garanzija hija kuntratt li bih wieħed jintrabat lejn il-kreditur li jissodisfa l-obbligazzjoni ta' wieħed ieħor, jekk dan ma jissodisfahiex huwa nnifsu.

Biex garanzija tkun tiswa, trid tkun saret bil-miktub, kif igħid l-art. 1233(1)(*ċ*) tal-Kodiċi Ċivili:

**1233.** (1) Bla ħsara tal-każijiet li fihom il-liġi, espressament, tagħmel meħtieġ l-att pubbliku, għandhom isiru b'att pubbliku jew b'kitba privata, taħt piena ta' nullità -

(*ċ*) il-garanziji;

Ma ntweriet ebda kitba li biha *Kalaxlokk* intrabtet flimkien mas-soċjetà konvenuta l-oħra għad-dejn tagħha; għalhekk, ukoll jekk ingħatat garanzija, bil-fomm, din ma tiswiex.

Għal din ir-raġuni t-talbiet tas-soċjetà attriċi ma jistgħux jintlaqgħu wkoll kontra *Kalaxlokk*.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta *Kalaxlokk Company Limited* u tiċħad it-talbiet tas-soċjetà attriċi safejn magħmula kontra *Kalaxlokk*; tiċħad l-eċċezzjonijiet ta' *N.O.V.I.T.À. Construction Company Limited* u tikkundanna lil din il-konvenuta tħallas lill-attriċi sebat elef mija u tliet liri u disgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm7,103.49), flimkien ma' l-imgħaxijiet mitluba fiċ-ċitazzjoni.

L-ispejjeż ġudizzjarji kollha, ukoll dawk ta' *Kalaxlokk Company Limited*, għandha tħallashom *N.O.V.I.T.À. Construction Company Limited*.

Giannino Caruana Demajo — Connie Azzopardi
Imħallef — Dep. Reġ.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------